

Emenda 130

Kristina Winberg, Robert Jarosław Iwaszkiewicz, Beatrix von Storch, Peter Lundgren, Petr Mach

f'isem il-Grupp EFDD

Rapport**A8-0251/2016****Vicky Ford**

Il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi
(COM(2015)0750 - C8-0358/2015 - 2015/0269(COD))

Proposta għal direttiva**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**

Direttiva 91/477/KEE

Artikolu 4 – paragrafu 2 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

Għall-finijiet tal-identifikazzjoni u t-traċċar ta' kull arma tan-nar immuntata, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li hi u tiġi mmanifatturata arma tan-nar, inkella meta tiġi impurtata fl-Unjoni, din issirilha marka unika li tkun tinkludi l-isem tal-manifattur, il-pajjiż jew il-post tal-manifattura, in-numru tas-serje u s-sena tal-manifattura, sakemm din ma tkunx diġà parti min-numru tas-serje. Dan għandu jkun bla ħsara għaż-żieda tal-marka kummerċjali tal-manifattur.

Għall-finijiet tal-identifikazzjoni u t-traċċar ta' kull arma tan-nar immuntata, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li hi u tiġi mmanifatturata arma tan-nar, inkella meta ***arma tan-nar manifatturata wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*** tiġi impurtata fl-Unjoni, din issirilha marka unika li tkun tinkludi l-isem tal-manifattur, il-pajjiż jew il-post tal-manifattura, in-numru tas-serje u s-sena tal-manifattura, sakemm din ma tkunx diġà parti min-numru tas-serje. Dan għandu jkun bla ħsara għaż-żieda tal-marka kummerċjali tal-manifattur. ***Dawn ir-regoli fir-rigward tal-immarkar huma applikabbli għal armi tan-nar manifatturati wara d-data li fiha tidħol fis-seħħ din id-Direttiva.***

Or. en

Emenda 131

Kristina Winberg, Robert Jarosław Iwaszkiewicz, Beatrix von Storch, Peter Lundgren, Petr Mach

f'isem il-Grupp EFDD

Rapport

A8-0251/2016

Vicky Ford

Il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi

(COM(2015)0750 - C8-0358/2015 - 2015/0269(COD))

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10

Direttiva 91/477/KEE

Artikolu 13 a – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Qabel tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru, li għandhom jinkludu rappreżentanti minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili: li jirrappreżentaw lit-tiraturi sportivi; il-kolletturi tal-armi; u l-kaċċaturi; u jinkludu rappreżentanti mill-manifatturi tal-armi u n-negozjanti tal-armi, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

Or. en

Emenda 133

Kristina Winberg, Robert Jarosław Iwaszkiewicz, Beatrix von Storch, Peter Lundgren, Petr Mach

f'isem il-Grupp EFDD

Rapport

A8-0251/2016

Vicky Ford

Il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi
(COM(2015)0750 - C8-0358/2015 - 2015/0269(COD))

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt a – punt i

Direttiva 91/477/KEE

Anness I – Parti II – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(i) *fil-Kategorija A, jiżdiedu l-punti li imħassar
għejjin:*

*"6. Armi tan-nar awtomatiċi li ġew
ikkonvertiti f'armi tan-nar semi-
awtomatiċi;*

*7. Armi tan-nar semi-awtomatiċi għall-
użu ċivili li jixbhju lill-armi b'mekkaniżmi
semi-awtomatiċi;*

*8. L-armi tan-nar taħt il-punti 1 sa 7 wara
li jkunu ġew diżattivati."*

Or. en